MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 617/2004

**Paul Attard**

**vs**

**Arthur Tonna f'ismu personali, u kif ukoll fl-interess u ghan-nom tas-Socjeta' Autofactors (Malta) Limited C21748**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, u tmien mitt Lira Maltin (LM1,800.00,0), lilha mislufa rapprezentanti pagi dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-impjegati tieghu imhallsa mill-attur direttament lil Eric Ciantar u**

**Vince Borg, f'Jannar tas-sena 2004, fuq struzzjonijiet tal-s-socjeta konvenuta;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti tal-mandat ta' qbid numru 2381/04 ipprezentat kontestwalment, ta' l-ittri interpellatorji datati 7 u 14 ta' Settembru tas-sena 2004, u bl-imghax legali minn jannar tas-ena 2004, sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut u s-socjeta' konvenuta jew min minnhom ingunti minn issa in subbizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut u s-socejta konvenuta naqsu u ma dehrux, la fis-26 ta' Jannar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut u s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------